



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Mejju 2012 (31.05)
(OR. en)**

10505/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0119 (NLE)**

**EEE 64
BUDGET 14
MI 381
SOC 429**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	25 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 235 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 ta' Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 235 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.5.2012
COM(2012) 235 final

2012/0119 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma
speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà legali u l-oġġettività meħtieġa tas-Suq Intern, il-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni fil-Ftehim ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE fl-azzjonijiet, fl-attivitajiet jew fil-programmi rilevanti tal-UE.

L-Artikolu 78 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jsaħħu u jwessgħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni f'diversi oqsma, fosthom il-politika soċjali.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

1. L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Ftehim Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet sabiex tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti sabiex tkun tinkludi l-kooperazzjoni dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
2. Din l-emenda għandha l-għan li tippermetti lill-Istati tal-EFTA jipparteċipaw, mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linji tal-baġit li ġejjin, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012: l-Intestatura tal-Baġit 04 01 04 08 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva' u l-Intestatura tal-Baġit 04 03 05 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi'.
3. Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80 tal-Ftehim ŻEE, il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim tapplika parzjalment għal din il-kooperazzjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE għal adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma
speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46, 48 u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim ŻEE') fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet,
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim biex attivitajiet barra l-erba' libertajiet, inkluża l-kooperazzjoni dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi,
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti din il-kooperazzjoni estiża,
- (4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Abbozz (05/03/2012)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqs ma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jagħgusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...¹.
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi l-kooperazzjoni dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 11:
 - '12. Mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, l-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-intestaturi baġitarji li ġejjin, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012:
 - **Intestatura tal-Baġit 04 01 04 08:** 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva',
 - **Intestatura tal-Baġit 04 03 05:** 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi'.'

¹ ĠU L ...

2. Il-kliem 'u fil-programm imsemmi fit-tnax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2009' fil-paragrafu 5 jiġi ssostitwit b'dan: ', fil-programm imsemmi fit-tnax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2009 u fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linji tal-baġit għas-sena finanzjarja 2012 msemmija fil-paragrafu 12 mill-1 ta' Jannar 2012'.
3. Il-kliem 'paragrafu 8' fil-paragrafi 6 u 7 jiġi sostitwit bil-kliem 'il-paragrafi 8 u 12'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]